MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 443/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [ID 292855(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. ingurja w/jew hedded lil martu Roberta (Roberta Antonia) Pisani, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareħ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Roberta (Roberta Antonia) Pisani hekk kif iccertifikat minn Dr. Causon ta' Floriana HC.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant

ikkundannatu xahrejn priġunerija sospiżi għal sentejn ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal sentejn favur Roberta Pisani.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Pisani [detentur tal-karta tal-identita' numru 292855M] minnu ppreżentat fl-20 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkużi migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirreferi ghal apprezzament żbaljat tal-provi, li ma setgħu qatt iwasslu għall-konvinċiment li l-ġrieħi li kellha Roberta Pisani kienu kkawzati mill-appellant.

2. It-tieni aggravju, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti m'apprezzat xejn il-grad ta' provokazzjoni da parti tal-parte civile. Fic-cirkostanzi mentali u psikologici ta' l-appellant, il-provokazzjoni tieħu dimensjoni ferm importanti għaliex il-ligi ma tippretendix li persuna tigi mghajjra severament u tigi kkundannata talli tgħajjar lura, aħseb u ara meta persuna li tkun diga' mkissra internament kif tista' ma titlifx il-kontroll ta' lsienha meta tigi pprovokata w ipprovokata ghal darbtejn tlieta. Il-Pulizija, fil-fatt ħarġu l-ewwel akkuza fid-dawl tal-provokazzjoni li kienet evidenti, l-ligi trid tissanzjona lil min johrog 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u mhux lil min jirreaġixxi b'mod li kull bniedem normali jirreaġixxi għaliha.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzamnet tal-provi tal-Ewwel Qorti  sakemm dan l-apprezzament ikun wieħed legali u raġonevoli.

Skond ix-xhieda ta' Roberta Pisani, mart l-imputat, kienet inqalgħet polemika bejn u bejn l-imputat dwar il-bżonnijiet mediċi ta' binthom. L-imptuat beda jgħajjarha,  u joffendiha u jgħidilha li ma kenitx jimpurtaha mill-familja. L-imputat kien qabad il-pencil case tat-tifla u beda jagħti biha fuq ras ix-xhud.  Hija kienet għolliet idejha biex tipproteġi lilha nnifisha. Kien diġa' wiċċha lejn barra meta beda jagħtiha bis-sieq kemm jiflaħ.  Kienet għamlet rapport l-għassa kif ukoll marret il-poliklinika.  It-tabib Dr Corser kien ta ċertifiakt ta' minor injuries. Hija xehdet li kient taf lik r-raġel ibati mid-depression.

Fil-kontro-eżami Roberta Pisani qalet li l-kaxxa kienet tal-kanvas u kien fiha l-lapsijiet.

L-imputat xehed li huwa jbati mill-OCD.  Huwa kkonferma li kienu marru għand xi speċjalisti dwar it-tifla u hu kien qal lil martu li ma kenitx tħobb it-tfal.  Huwa kien talab lil martu titlaq 'il barra.  L-imputat kien ħass rabja kbira, beda jitriegħed u beża' li ser jagħmlilha xi ħaġa. Hi rreżistiet u hu kien imbuttha. Huwa ħassu pprovokat u mbuttaha b'siequ.  Huwa nnega li ien ta xi daqqiet fuq ras martu. Il-pocket kien tal-plastik u kien kważi vojt.

Fil-kontro-eżami huwa kkonferma li kien twil aktar minn sitt piedi u li  hu kien talab lil martu toħroġ mid-dar. Huwa nnega li kien ta lil martu  bis-sieq

Mill-provi jirriżulta li offenda jew kellem ħażin lil martu u ordnalha toħroġ il barra mid-dar meta din hija dar tal-komunjoni.   L-imputat jgħid li martu jmissu tifhmu

minħabba d-depression tiegħu u li kien ipprovokat. Fil-ħin tal-inċident l-imputat seta' ddejjaq jara lil martu tkompli tinsisti ma' bintu biex tistudja u tagħmel il-homework. Din żgur mhix provokazzjoni.

Meta mbagħad martu qaltu 'How dare you leave work?' hawn l-imputat seta' ħassu maqrus minħabba l-kundizzjoni tiegħu u għaliex ma jidhirx li telaq ix-xogħol b'kapriċċ. Wieħed irid jifhem ukoll l-istress fuq il-konjuġi meta ssib li saret is-sole breadwinner.

Iżda wkoll jekk l-imputat ħassu pprovokat bi kliem martu, il-Qorti tqis li r-reazzjoni tiegħu għal dak li hu ħass bħala provokazzjoni marret oltre l-limiti tal-istess provokazzjoni.

L-imputat refa' jdejh fuq martu u taha bis-sieq. Il-Qorti ma tarax li l-verżjoni tal-imputat li huwa 'imbotta' b'siequ lil martu bħala waħda attendibbli. U għall- prova tal-ġrieħi li sofriet martu mhux indispensabbli li jittella' t-tabib jixhed bħalma diġa' kellha l-okkażjoni tiddeċiedi din il-Qorti diversament preseduta. Ukoll jekk wieħed jiskarta ċ-ċertifikat tat-tabib, li ma ġiex ġuramentat, id-deskrizzjoni tal-ġrieħi mogħtija minn mart l-imputat hija prova u ta' min joqgħod fuqha.

Għalhekk il-Qorti qed tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti u qed issib lill-appellant ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi raġuni għala għandha tirrevoka jew tirroforma l-piena inflitta mill-ewwel onorabbli Qorti.

Għalhekk qed tikkonferma s-sentenza totalment (a) fil-mertu, (b) fil-piena u (ċ) fl-Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 għal sentejn favur Roberta Pisani liema terminu jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti terġa' twissi lill-appellant dwar il-portata tal-artikolu 28A tal-Kap 9, jiġifieri x'konsegwenzi jista' jkun hemm jekk hu jwettaq xi reat matul il-perjodu ta' sentejn liema perjodu ta' sentejn jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------